MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Numru. 116/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**ALVIN BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALVIN BUTTIGIEG** bin Francis u Josephine nee Bezzina, imwieled nhar l-ewwel ta' Settembru 1977 u residenti 80, Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita numru 25877G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Awissu 2003 ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAD 643:

1. b'manjiera traskurata;
2. b'manjiera perikoluza;

3. talli saq l-istess vettura b'velocita eccessiva;

4. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBH 073 w involuntarjament kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Peter Paul Grech minn Nadur;

5. talli kkaguna girehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Peter Paul Grech minn Nadur, Ghawdex, skond ma ccertifika Doctor Ian Galea MD fl-isptar Generali ta' Ghawdex.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f'kaz ta' htija u barra l-piena stabbilita mill-ligi, timpedixxi lil imsemmi Alvin Buttigieg milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 1233, lil Peter Paul Grech, lil Doctor Ian Galea, lil Josephine Grech u lil Louis Portelli kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hamsa ta' Awissu 2004 **xehed PS 1233** fejn spjega li nhar t-tletin ta' Awissu 2003, ghal habta tas-saghtejn u nofs neqsin hamsa ta' wara nofsinhar hu kien inkarigat sabiex jinvestiga kollizzjoni li sehhet fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, bejn l-imputat, li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAD 643 u vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni EBH 075 misjuqa minn Peter Paul Grech. Huwa ghalhekk mar fuq il-post u beda jinvestiga l-kollizzjoni.

Huwa spjega li hu nnota li l-incident sehh fi triq principali proprju fejn hemm *cross roads*. Spjega li minn fejn hareg Peter Paul Grech u cioe triq sekondarja, kien hemm *stop sign* kemm mal-art kif wkoll fuq pilastru u mera mdendla

f’tarf t-triq. Sab li z-zewg vetturi nvoluti fl-incident kellhom hsarat estensivi. Hu tkellem max-xufiera taz-zewg vetturi kif wkoll max-xhud Josephine Grech u dan a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma minnu.

Peter Paul Grech qallu li hu kien hiereg minn triq sekondarja sejjer ghal fuq triq principali biex imur r-Rabat, waqaf fuq l-i*stop sign* li kien hemm, hareg ftit ‘l barra ghaliex stqarr li ma kellux vista tajba minn wara l-i*stop sign* u ra l-vettura tal-imputat gejja mill-boghod. Huwa haseb li kellu bizzejjed hin biex johrog u jiskapula l-vettura tal-imputat w ghalhekk hareg meta f’daqqa wahda, waqt li kien fuq il-karreggjata fit-triq principali sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat, l-imputat skiddja u baqa diehel fih u bid-daqqa, imbuttah lura diversi metri.

Josephine Grech li kienet passiggiera mieghu ikkonfermat l-istess versjoni tal-fatti ghalkemm qalet li d-daqqiet Peter Paul Grech qalaghhom fuq in-naha tax-xellug ta’ quddiem frontali u li l-mera f’tarf t-triq kienet miksura.

Alvin Buttigieg spjega li hu kien ghaddej fuq il-*main road*, ra lil Peter Paul Grech fuq l-i*stop sign*, papaq u baqa ghaddej u meta wasal proprju quddiem Peter Paul Grech, dan hareg mit-triq sekondarja u baqa diehel go fih.

**Louis Portelli** rappresentant tar-Roads Department nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 **xehed** w ikkonferma li sa fejn jirrizultalu mir-*records* tieghu fil-jum tal-incident u cioe fit-tletin t’Awissu 2003, il-mera f’tarf t-triq int u hiereg ghal fuq Triq Borg Gharib ma kienetx miksura u m’ghandu l-ebda *record* li din giet midbula f’dawk iz-zminijiet. Ghalhekk ma setghax jikkonferma dak li gie allegat minn Josephine Grech u cioe li l-mera kienet miksura.

Illi nhar l-hamsa ta’ Jannar 2005 **Doctor Ian Galea ippresenta affidavit**, fejn ikkonferma li nhar t-tletin ta’ Awissu 2003, hu kien ezamina lil Peter Paul Grech u sab li kien qed ibati minn ugigh fi spalltu, f’sidru u f’siequ tan-naha tal-lemin, u koxtu fuq in-naha tal-lemin. Hu kien ordna li jittiehidlu X Rays pero dawn ma wrew ebda ksur.

Il-feriti ta' Peter Paul Grech gew deskritti minnu bhala ta' natura hafifa.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2005 l-istess **Doctor Ian Galea ippresenta** fir-Registru ta' din il-Qorti, **affidavit iehor**, fejn ikkonferma li nhar t-tletin ta' Awissu 2003, hu kien ezamina lil Josephine Grech gewwa l-isptar Generali ta' Ghawdex, u sab li hija kienet qed tbati minn feriti ta' natura hafifa f'sidirha u l-polz tax-xellug.

Il-Qorti tirrileva li z-zewg affidavits ma gew kontestati minn hadd, la mid-difiza u lanqas mill-parte civile u fin-nuqqas ta' prova ohra, ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li Josephine Grech u Peter Paul Grech sofrew feriti ta' natura hafifa kawza tal-incident awtomobilistiku in dezamina.

Illi nhar s-sittax ta' Frar 2006 **xehed Peter Paul Grech** w ikkonferma dak li kien qal lil pulizija waqt l-investigazzjoni u cioe li hu ra lil imputat gej minn distanza ta' xi erbghin pied pero haseb li kellu bizzejjed hin sabiex johrog minn fejn kien u jiskapulah u kien ghalhekk li hareg mit-triq ssekondarja fejn kien.  Huwa qal pero li kien diga hareg fuq t-triq principali, ha l-posizzjoni tieghu fis-sens li kien fil-karreggjata t-tajba int u thares lejn ir-Rabat, meta l-imputat skiddja u gibed ghal fuqu u tah daqqa frontali u kaxkru diversi metri tant li spicca fil-hajt.

Nhar l-hamsa ta'Awissu 2004 **xehdet Josephine Grech** w ikkonfermat din ix-xhieda li ta Peter Paul Grech.  Hi ziedet tghid pero li l-mera f'tarf Triq Borg Gharib kienet miksura kuntrarju ghal dak li qal PS 1233.  Ikkonfermat l-fatt pero li lil imputat ratu gej minn distanza konsiderevoli u hargu minn triqithom l-istess.

Il-Qorti ezaminat r-ritratti esibiti minn Peter Paul Grech fis-seduta tas-sittax ta' Frar 2006 u tirrileva li verament l-vettura tieghu kellha diversi hsarat estensivi fuq quddiem.

Illi nhar s-sittax ta' Frar 2006 **xehed l-imputat** fejn qal li hu kien ghaddej mit-triq principali sejjer lejn il-Qala, ra lil Peter Paul Grech 'l barra fuq *stop sign* wieqaf, paqpaq il-*horn* biex jindikalu li kien ser jibqa isuq, izda dan

nonostante, Peter Paul Grech hareg ghan-nofs u baqa diehel fih. Ix-xhud esibixxa wkoll xi ritratti pero l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom peress li dawn ma gewx mehuda a tempo vergine fuq il-post tal-incident u ma hemmx dubbju li l-hsarat kif indikati fir-ritratti ma humiex ezattament dawk kif fil-fatt rrizultaw wara l-incident.

Il-Qorti taghmel referenza ghal monografija ta' l-awtur **O.C. Mazengard** fil-monografija tieghu ***Negligence on the Highway*** [Butterworth Edit. 1962; pg. 329 - 330] fejn jghid:

"*There is a well recognised rule that traffic entering or <u>crossing a main road must</u> give way to traffic proceeding along the main road from either direction… it is important that the rule should be strictly observed and the right which it confers should not be allowed to be <u>whittled</u> away: drivers who have the rule in their favour are entitled to expect that the rule will be observed by others."*

L-imputat ghalhekk zgur li ma kellux jistenna lil Peter Paul Grech jipprova jisgicca minn quddiemu biex jidhol fuq il-*main road* proprju meta ikun wasal vicin tieghu. Illi din il-Qorti ma jirrizultalha l-ebda nuqqas fir-rigward tas-sewwieq imputat. Ma jirrizultalhiex li kellu xi *speed* eccessiv u t-*tyre marks* li halla jindikaw li gie rinfaccjat b'*sudden emergency* mill-manuvra inkonsulta li kien holoq Peter Paul Grech, il-pre rekwisiti kollha li kkagunaw d-dinamika tal-incident, li fortunatament ma kellux konsegwenzi aktar garvi milli seta' kellu.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Novembru 1960*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Borg,** fejn gie ritenut li s-*side road user* ghandu dritt li jaqsam ghal go *main road* meta bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera u kif gie wkoll ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Giuseppe Galdes** [***Vol XXXVII pagna 1108***], li s-*side road user* irid jidhol go *main road* <u>bla ma jiehu riskji li sewwieq prudenti ma jiehux</u>.

Illi huwa principju legali kif jirrizulta mir-**Regolament 59 tal-Highway Code** li:

*‘The driver of any motor vehicle, whether on a major or minor road, shall <u>at all times</u> exercise due care and shall take all necessary precaution at any road junction.*

Issa fil-kumpless tac-cirkostanzi tal-kaz, ma jidhirx li l-imputat ivvjola dan r-regolament lanqas, ghaliex il-provi juru li daqq l-*horn* meta resaq lejn l-*intersection* u li *speed* ma jidhirx li kellu u l-incident sehh minhabba l-pre rekwiziti fis-sewqan ta’ Peter Paul Grech, meta dan ikkawzalu *sudden emergency* u *in the agony of the collision*, ghalkemm hu pprova jevita l-incident, xorta spicca habat mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBH 075.

Ma hemmx dubbju li verament din il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBH 075 garrbet diversi hsarat involuntarji, pero peress li l-imputat mhux responsabbli ghal incident in kwistjoni, lanqas ma huwa responsabbli ghal hsarat li hu kkaguna fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBH 075 jew ghal feriti li sofrew Peter Paul Grech u Josephine Grech.

In vista tas-suespost, **il-Qorti**, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat ALVIN BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------